KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Frar 13, 2015

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

LAQGĦA TAL-LOKALITÀ 2014

Il-Kunsill fis-sena 2014

---

Sur Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri, Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, Sinjuri,

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 li twaqqaf il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali L-Iklin għandu obbligu legali li jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità għar-residenti kollha biex jingħata rapport dwar l-operat u l-ħidma tal-Kunsill li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2014.

Din hija t-tielet laqgħa annwali li qed issir f'din is-seba' leġiżlatura fejn il-Kunsill Lokali fejn imbagħad f'April li ġej, iċ-ċittadini tal-Iklin ser ikunu msejħa biex jivvutaw sabiex jeleġġu Kunsill ġdid għas-snin li ġejjin.

**FINANZJAMENT**

L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali L-Iklin għas-sena 2014 kienet tlaħħaq Eur219,720 u din l-allokazzjoni għaddiet lill-Kunsill Lokali L-Iklin speċifikament għall-parki, ġonna, u *soft areas*, l-immaniġġjar tal-iskart, in-nefqa għall-amministrazzjoni, il-manutenzjoni tat-toroq u ammont ieħor allokat għal *tipping fees*. Biex nidħol ftit aktar fid-dettal ta' din l-allokazzjoni, qed nippreżenta dawn iċ-ċifri għall-interess tagħkom biex tifhmu preċiżament fejn u kif qed jintużaw il-fondi mgħoddija lill-Kunsill Lokali L-Iklin mill-Gvern Ċentrali.

Għall-manutenzjoni tat-toroq, il-vot kien ta' Eur78,091;

Għall-immaniġġjar tal-iskart, il-vot kien ta' Eur45,859;

Għall-parki, ġonna, u *soft areas*, il-vot kien ta' Eur3,329;

In-nefqa għall-amministrazzjoni, il-vot kien ta' Eur78,496;

Għall-*Tipping fees*, il-vot kien ta' Eur13,946;

Ma' dan id-dħul jiżdied dħul ieħor li l-Kunsill jiġġenera minn ħruġ ta' permessi għal diversi funzjonijiet differenti l-aktar bħal permessi għal depożitu ta' makkinarju, depożitu ta' materjal ta' bini u oġġetti oħra fit-triq, depożitu ta' skips industrijali, permessi għal twaqqif ta' posta jew kiosks u administration fees mis-sistema tal-infurzar tal-liġi. Dħul ieħor jidħol minn Sejħiet għall-Offerti, u imgħaxxijiet tal-Bank.

Għal sena oħra, il-Kunsill mexxa l-finanzjament b'responsabbiltà kbira u ħadem b'għaqal biex jassigura li jkun jista' jonora primarjament il-kuntratti obbligatorji, in-nefqa amministrattiva u l-investiment fuq proġetti kapitali. Għas-sena 2014, il-Kunsill Lokali L-Iklin ser jerġa jispiċċa b'*surplus* li ċertament jirrifletti l-għaqal u r-responsabbiltà ta' dan il-Kunsill. Madankollu, ma jfissirx li l-Kunsill qagħad b'idejh fuq żaqqu. Anzi, kompla jieħu ħsieb il-manutenzjoni tat-toroq u saru xogħlijiet f'partijiet minn Triq il-Klin, Triq Anton Buttigieg, Triq Dun Karm, u Triq Ġużè Ellul Mercer. Saru korrezzjonijiet fil-bankini fi Triq Mons. P.P. Saydon, Triq Ġwann Mamo, u Triq Stefano Erardi. Matul is-sena 2014, sar ukoll titjib infrastrutturali fi Triq in-Namur fejn saret bankina ġdida tul ta' 116m$^2$ . Il-Kunsill kompla jinvesti fil-*playingfield* eżistenti biex iżomm l-*istandards* u sabiex ikun assigurat li l-*equipment* huwa sigur u funzjonarju. Saret estensjoni ta' *rubber flooring* fejn hemm *slides & fun area* bħala miżura ta' sigurtà għat-tfal li jiffrekwentaw dan il-*playingfield u nbidlet cage swing seat kawża tal-wear & tear*, manutenzjoni oħra u titjib ieħor biex il-playingfield jinżamm nadif.

Naċċertakhom li l-Kunsill kien ferm attiv jiddiskuti u jinnegozja ma' diversi entitajiet matul is-sena dwar żewġ proġetti bil-għan li titjib l-infrastruttura fil-lokal. Il-Kunsill kien qed jinnegozja mal-Gvern Ċentrali biex jitkomplew il-bankini fi Triq Ċensu Busuttil bil-ħaddiema tal-*Public Works* filwaqt li kien f'negozjati mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jinbidel *water main* u jsiru l-*house connections* ġodda tal-istess triq. Proġett li jaħseb aktar fit-tul biex isiru s-servizzi biex il-bankini ġodda jibqgħu intatti għal numru ta' snin. Qed nirriferi għall-bankini ta' Triq Ċensu Busuttil bejn Triq Ġużè Galea u Triq Dwardu Cachia. Dan il-proġett se jkun qed isir *joint-venture* bejn il-ħaddiema tal-Public Works u l-privat.

Wara konsultazzjoni pubblika li saret mar-residenti tal-lokal madwar sena ilu, il-Kunsill deherlu li kellu jisma l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti u jibbaża l-ħidma tiegħu fuq in-neċessitajiet li għandu bżonn dan il-lokal. Naturalment, il-Kunsill filwaqt li sema' l-opinjonijiet tar-residenti, mar *oltre* minn hekk fejn ikkummissjona Perit biex iħejji rapport dwar l-istat tat-toroq ta' Triq Giovanni Curmi u Triq Ċensu Busuttil. Wara li l-Kunsill evalwa r-rapport tal-Perit, kien deċiż li jsir *re-surfacing works* ta' Triq Giovanni Curmi mqassma f'żewġ fażijiet minħabba l-finanzjament tagħha li huwa stmat li tiġi tiswa madwar Eur70,840.

Ma' dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill għad qed iħallas fuq perjodu ta' tmien snin żewġ toroq li kienu ġew asfaltati taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*. Qed nirriferi għal Triq Fredrick Borg u Triq il-Ħwawar, il-proġett tal-aħħar tlesta fis-sena 2013.

Proġett ieħor interessanti li tlesta matul is-sena 2014 kien fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Wied. Din iż-żona tinsab f'waħda mill-*entry points* tal-Iklin fejn sar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku permezz ta' bankini ġodda u l-abelliment ieħor permezz ta' *soft landscaping* fi Triq il-Wied k/m Triq Triq il-Ħwawar. Proġett li sewa Eur13,000.00 u l-fondi nġiebu mill-Urban Improvement Funds mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Dan il-proġett kien jinkludi bankini ġodda biex tiżdied l-aċċessibilità, implimentazzjoni ta' *Pedestrian Crossing sign with LED's* għas-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini u *soft landscaping* fejn ġew imħawwla siġar tar-rand u xtieli tal-klin bil-ħsieb li nerġgħu nxettlu l-klin f'din il-

lokalità.

Proġett ieħor infrastrutturali li sar matul is-sena 2014 kien it-twessiegħ ta' Triq May Butcher fejn wara negozjati mall-Gvern Ċentrali biex titwessa' t-triq eżistenti biex tiżdied l-aċċessibilità, twessgħet it-triq, saru bankini ġodda u l-asfaltar tat-triq sar mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fuq pressjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

**LAQGĦAT**

Fis-sena 2014, il-Kunsill iltaqa' formalment 22 darba. Dan ifisser medja ta' kważi żewġ laqgħat fix-xahar. Il-laqgħat huma pubbliċi, l-avviż tal-laqgħa jidher fil-website, fil-ġurnali lokali filwaqt li titpoġġa wkoll agenda fi *notice boards* eżistenti li nsibu fil-lokalità. Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, issir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità li hija ntiża biex qabel mal-istess Kunsill jiffinalizza l-*budget* għas-sena kurrenti u l-pjan ta' ħidma għal tliet snin, permezz ta' din il-laqgħa jkun jista' jisma' x'għandhom xi jgħidu r-residenti tal-lokal biex proposti tanġibbli jkunu jistgħu jiġu nkorporati fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill. Is-sena 2014, kienet sena li fiha l-Kunsill Lokali L-Iklin implimenta l-*online streaming* tas-seduti tal-Kunsill bil-għan li joffri amministrazzjoni pubblika trasparenti u kontabbli. Dawn il-pjanijiet bdew iħallu l-frott.

**Sit ta' San Mikiel**

Is-Segretarju Parlamentari Dr. Farrugia semma li wara kien tkellem mas-Sur Camilleri, Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet fejn allura kien infurmat dwar il-proġett maħsub mill-Kunsill Lokali L-Iklin, semma kif is-sit ta' San Mikiel jista' jinkorpora fiha wkoll il-bini amministrattiv tal-Kunsill fejn l-art tingħata b'devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex jagħmel l-aħjar użu minn din l-art pubblika u b'hekk ikun hemm pjan komprensiv għal dan il-lokal.

Is-Sindku Anthony Dalli spjega li l-Kunsill ilu għaddej b'dan il-proġett għal dawn l-aħħar snin fejn l-iskop ta' din il-laqgħa kellha tkun sabiex l-Uffiċċju tal-Prim Ministru iħaffef il-proċess biex id-Dipartiment tal-Artijiet joħroġ is-sejħa għall-offerti.

Is-Sindku Dalli spjega li l-Kunsill għandu f'idejh il-permess tal-MEPA biex isir dan l-iżvilupp fejn aċċenna l-fatt li l-Kunsill ħareġ l-ispejjeż mir-riżorsi tiegħu biex jimbotta 'l quddiem dan il-proġett sa ma jiġi attwat.

Is-Sindku Dalli żied jgħid li l-Kunsill għandu ffirmat f'idejh il-kuntratt tal-art fi Triq P. Anasatasju Cuschieri għall-bini amministrattiv tal-Kunsill li għaddiet b'devoluzzjoni mingħand il-Gvern. Is-Sindku kellu l-opportunità jispjega lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari l-pjanta tal-binja tal-Kunsill fejn spjega li minbarra l-Uffiċċju, il-binja ser tkun attrezzata u tipprovdi għal numru ta' servizzi bħal *day Care Centre*, librerija, l-IT *room*. Huwa żied jgħid li d-deċiżjoni fil-Kunsill kienet ittieħdet unanimament. Semma wkoll il-proċess tal-applikazzjoni mal-MEPA u għamel riferenza għall-klawsola li ddaħlet fil-Pjan Lokali li prattikament waqqfet il-proċess tal-applikazzjoni. Is-Sindku irrimarka li għad ma jistax jaċċetta l-fatt kif il-MEPA żżomm żvilupp minħabba l-*height limitations* meta fl-istess żona ngħata permess ta' żvilupp għall-binja ta' tliet sulari.

L-Onorevoli Dr. Farrugia wieġeb li l-*owners do not have right for views*. L-Onorevoli Dr. Farrugia qal li għandu direzzjoni ċara fil-ħsieb tiegħu fejn qal li ma kienx lest jagħti artijiet għal skopijiet varji. Huwa enfasizza fuq il-punt li jrid jimmassimizza mill-użu tal-art li jgħaddi l-Gvern. Għalhekk fil-ħsieb li s-sit ta'

San Mikiel jilqa' fih l-*underground parking*, il-Binja Amministrattiva tal-Kunsill u l-*multi purpose pitch,* kompla jgħid l-Onorevoli, jemmen li jkun qed jagħmel l-aħjar użu mill-art. Rigward il-permess tal-MEPA, semma li tista ssir emenda fil-permess fejn il-*pitch* jiġi elevat minn wiċċ it-triq.

Fuq dan il-ħsieb, hemm *mixed views* bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsill Lokali kemm dwar il-proposta *per se* u wkoll dwar dettalji oħra tekniċi.

**Titjib fl-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Iklin**

Nhar is-17 ta' Frar, saret laqgħa oħra mportanti mal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku u l-infrastruttura fl-Iklin. Preżenti għal din il-laqgħa kien is-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Anthony Borg, u l-Kunsillieri Carmel Attard u Martin Fenech.

Il-Ministru Joe Mizzi informa lill-preżenti li din il-laqgħa ta' dalgħodu kien ħsieb jew aħjar kunċett preliminari dwar il-proġettazzjoni ta' By-Pass ġdida biex titjieb is-sistema tat-traffiku biex ikun eliminat *bottlenecks* fejn hemm *roundabout* eżistenti fi Triq in-Naxxar.

Fuq pjanta li ġiet sottomessa waqt il-laqgħa mill-Perit tal-Awtorità, il-Ministru spjega li l-ħsieb huwa li jsir *underpass* minn B'Kara By-Pass li tgħaddi għal wara Triq May Butcher, Triq Erin Serracino Inglott, Triq Karmenu Vassallo, Triq Ġużè Galea, Triq San Mikiel biex tgħaqqad mal-parti ta' fuq lejn in-Naxxar.

Il-Ministru żied jgħid li l-By-Pass m'għandhiex tfixkel l-Kamra tan-Nar ta' Ħal Lija u fejn hu maħsub li ssir *service road* fil-parti ta' Triq Ġużè Galea. Fuq in-numru ta' mistoqsijiet li saru mill-preżenti, il-Ministru Mizzi qal li b'din l-infrastruttura ġdida, il-proġett ikun qed jipprovdi wkoll għall-impatti ambjentali kemm f'dik li hija estetika u *noise pollution*.

Saret ukoll mistoqsija lill-Ministru dwar kif il-proġett jaħseb għar-residenti li jirrisiedu fi Triq Karmenu Vassallo, Triq Ġużè Galea, u l-ħwienet tan-negozji li hemm fi Triq San Mikiel. Il-Ministru Joe Mizzi wieġeb li trid issir *service road* biex ir-residenti u s-servizzi eżistenti jibqgħu funzjonali.

Fi Triq in-Naxxar, il-Ministru semma li huwa maħsub li jsiru modifiki fejn iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija bil-għan li jtejjeb u jabbelixxi l-infrastruttura tal-*area* nkluż *underground infrastructure*.

Il-Ministru stieden lill-preżenti biex il-Kunsill iressaq il-kummenti tiegħu qabel ma' dan il-ħsieb ikompli jimmatura fejn għad iridu jsiru aktar diskussjonijiet ma' entitajiet oħra fosthom l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Fit-tieni kwart tas-sena 2014, il-Kunsill Lokali kellu jindirizza materji fosthom il-proposta ta' By-Pass ġdida fl-Iklin u dwar bini eżistenti li jagħti għal B'Kara By-Pass li għandu skop residenzjali fejn l-Awtorità staqsiet lill-Kunsill jekk ir-residenti li jirrisiedu f'din iż-żona kenux kuntenti bil-*Local Plan* eżistenti bħala żona residenzjali jew jekk ir-residenti ta' din iż-żona kenux jippreferu li tinbidel f'żona kummerċjali biex tiffaċilita li jkun hemm rilokazzjoni.

Fuq dawn iż-żewġ materji, il-Kunsill iddeċieda li kellu jikkonsulta maċ-ċittadini tal-lokal għaliex jemmen li kien fid-dmir li jagħmel dan l-eżerċizzju filwaqt li r-resident kellu d-dritt li jkun infurmat u jipparteċipa

qabel mal-istess Kunsill ikun jista jifforma opinjoni.  Fuq dawn iż-żewġ materji, il-Kunsill ipprepara *questionnaire* biex jikkonsulta mar-residenti kollha tal-lokal.

Fuq l-ewwel materja li kienet tittratta l-proposta ta' By-Pass ġdida fl-Iklin, peress li kienet materja kontroversjali, ir-reazzjonijiet kienu diversi u saħansitra kien hemm mumenti fejn din il-materja skalat minħabba differenzi fl-opinjonijiet.  Fuq din il-materja, Il-Kunsill Lokali kien irċieva petizzjoni ffirmata minn 226 persuni b'reazzjoni għal dan il-*questionnaire* fejn prattikament dawn ir-residenti urew id-diżapprovazzjoni tagħhom li ssir By-Pass ġdida fl-Iklin.  Ma' dan, kienu 224 li pparteċipaw f'dan il-*questionnaire* fejn fil-maġġor parti li wieġbu għas-sejħa tal-Kunsill, kienu kontra li ssir By-Pass ġdida fl-Iklin u kontra li l-bini eżistenti li hemm imiss ma' B'Kara By-Pass jinbidel għal skop kummerċjali.

F'din is-sitwazzjoni, il-Kunsill Lokali L-Iklin baqa' jinsisti li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kellha tipprovdi pjanti dwar il-proposta tal-By-Pass ġdida fl-Iklin u li ssir konsultazzjoni pubblika fil-lokal biex ir-resident ikollu sehem dirett waqt dan il-proċess.  Madankollu, l-Awtorità baqgħet m'għaddiet l-ebda nformazzjoni f'dan ir-rigward.

Saru laqgħat importanti mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr. Michael Farrugia dwar is-sit ta' San Mikiel nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2014 u mal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku u l-infrastruttura fl-Iklin nhar is-17 ta' Frar tal-istess sena.

**AMMINISTRAZZJONI**

L-amministrazzjoni kienet minn ta' quddiem biex tagħti l-aħjar servizz liċ-ċittadin bid-diversi servizzi li jipprovdi l-Kunsill.  Kienet sena fejn dak li nbeda fis-snin preċedenti jiġi kkonsolidat.  Għalkemm ma kienx hemm tibdil fil-mod ta' kif jopera l-Uffiċċju u fis-servizzi li joffri minkejja l-limitazzjonijiet fir-riżorsa umana, iddaħħal il-kunċett ta' *performance management* biex tiżdied l-effiċjenza u l-effettività fil-kwalità tax-xogħol.  Dan bl-iskop li jingħata l-aħjar servizz liċ-ċittadin.

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali ipparteċipa f'konferenza '*A Partnership for Creative Governance*' flimkien ma' numru ta' Kunsilli oħra fejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qed jieħdu sehem attiv f'sessjonijiet ko-ordinati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-appoġġ ta' Norway Grant 2009-2014.  Dan il-proġett qed jiġi mniedi bl-iskop li l-Kunsilli Lokali jkollhom tmexxija tajba fl-operat tagħhom.

Is-Sindku Anthony Dalli żamm kuntatt regolari mal-amministrazzjoni biex jassigura li l-Uffiċċju ikun strument effettiv biex jitjieb il-mod kif jiġu trattati materji pubbliċi.

**Żamma u Manutenzjoni tat-Toroq – *Road Patching*, dawl tat-toroq, *street furniture*, u sinjali tat-toroq**

Matul is-sena 2014, il-Kunsill Lokali kellu programm ta' xogħol fuq *refreshing of road markings* fid-diversi toroq tal-Iklin biex tgħin lis-sewwieqa jipparkjaw il-vetturi b'mod sistematizzat.  Sar xogħol ta' *re-instatement* fuq partijiet minn toroq difettużi fi Triq il-Ħwawar, Triq il-Plejju, Triq il-Ħarruba, u Triq il-Prinjol.  Reġgħu inbidlu numru ta' sinjali tat-traffiku fid-diversi toroq fil-lokalità minħabba l-*wear & tear*.  Reġgħu nxtraw numru ta' *traffic mirrors* li tkissru wara l-maltempata li saret f'Novembru li għadda u oħrajn li sfaw vandalizzati.  Ġew ordnati tabelli ġodda tal-ismijiet tat-toroq u nxtraw bankijiet ġodda li ġew installati fi Triq Erin Serracino Inglott fejn sar ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Sar diversi xogħol ta' *road patching* f'diversi toroq biex ikunu evitati l-inċidenti tat-traffiku fl-iqsar żmien possibbli.  Il-Kunsill ħa ħsieb il-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq biex ikun assigurat li jkun hemm dawl suffiċċjenti fit-toroq.

Filwaqt li l-manutenzjoni tal-lampi li jsir mill-privat, is-servizz kien wieħed effiċjenti, ma nistax nitkellem bl-istess ton meta niġu biex nirrapurtaw lampi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Korporazzjoni Enemalta. Sfortunatament, kien hemm każijiet fejn il-Korporazzjoni Enemalta ma kenitx effiċċjenti fis-servizz tagħha. Madankollu, l-Kunsill baqa' jsegwi l-proċedura u l-proċessi u jibqa jsegwi l-każ sakemm dawn l-ilmenti jiġu riżolti a sodisfazzjon taċ-ċittadin.

Il-maġġor parti tax-xogħlijiet isiru mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill li jvarja minn xogħlijiet ta' *refreshing* ta' *road markings* fit-toroq, manutenzjoni ta' bankini, tindif tal-ispralli tal-ilma tax-xita, *re-instatement works* fit-toroq residenzjali, u l-manutenzjoni tal-*playingfield*. Matul din is-sena, preċiżament fix-xahar ta' Novembru tlifna s-servizz tas-Sur Anthony Delia, impjegat mal-IPSL assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin li rtira biż-żmien. Madankollu, l-Kunsill Lokali rnexxielu jingaġġa lis-Sur Emanuel Muscat, ħaddiem tal-IPSL li mill-ftit xhur li ilu ma' dan il-Kunsill, nista nikkonferma li s-Sur Muscat huwa sostitut denju tas-Sur Delia. Nirringrazzja lis-Sur Delia tal-motivazzjoni tiegħu matul is-snin li dam jaħdem mal-Kunsill Lokali L-Iklin.

**FONDI MILL-UNJONI EWROPEJA U L-GVERN ĊENTRALI**

Il-proġett tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ ġie konkluż f'Diċembru 2014. Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien baqa' jibbenifika minn *savings* taħt *The European Agricultural Fund for Rural Development* biex ikompli l-proġett ta' restawr/rikostruzzjoni taħt il-miżura 323 *Conservation and Upgrading of the Rural Heritage*. Lejn l-aħħar tas-sena, sar *audit* tal-ħitan kollu tas-sejjieħ li saru matul dawn l-aħħar tliet snin biex il-Perit ikun jista' joħroġ *Compliance Certificate* tal-ħitan kollu li sar fl-Iklin. Ċertament dan il-proġett ħalla impatt pożittiv fiż-żona rurali ta' din il-lokalità kemm mil-lat estetiku u dak agrikolu. Proġett li r-residenti tal-Iklin għandhom għalfejn ikunu kburin li l-Kunsill investa fi proġett daqstant importanti biex jissalvagwardja l-valur agrikolu.

**PROĠETT – SIT TA' SAN MIKIEL**

Kif kelli l-opportunità nitkellem dwar dan is-suġġett aktar kmieni f'dan ir-rapport, il-Kunsill Lokali L-Iklin qed jipprova dak li bl-Ingliż jgħidu '*Unfreeze the status quo*'.

**SKEMI U PROGRAMMI EDUKATTIVI**

L-oġġettiv tal-Kunsill kien wieħed ċar f'dan il-qasam: parteċipazzjoni attiva tar-residenti.

Fis-sena 2014, il-Kunsill kien għal sena oħra eliġibbli biex jorganizza sessjonijiet ta' Zumba u dawk tal-Aerobics, taħt l-iskema Attivitajiet Sportivi li ħareġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. L-*instructors* kienu kkwalifikati u assenjati mill-Kunsill Malti għall-Isport. Kien hemm domanda għal dawn il-korsijiet tant li l-Kunsill żied dawn is-sessjonijiet fuq is-snin preċedenti. Minħabba nuqqas ta' faċilitajiet sportivi f'din il-lokalità, il-Kunsill ħataf din l-opportunità sabiex il-komunità tal-Iklin tieħu l-massimu minn dawn il-korsijiet. Il-Kunsill ried li jippromwovi l-importanza tas-saħħa tal-persuna permezz tal-eżerċizzju fiżiku. Għaldaqstant ma qagħadx lura milli jinvesti f'dawn il-korsijiet li saru għal sena oħra b'suċċess.

Fix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill organizza wkoll sessjonijiet tal-għawm għat-tfal li jattendu fl-għaqdiet tal-lokal. Dawn is-sessjonijiet saru fil-Pixxina Nazzjonali u l-attendenza kienet waħda numeruża.

Teżisti koperazzjoni sħiħa mal-Għaqdiet tal-lokal u matul din is-sena ġew organizzati numru ta' attivitajiet soċjali, sportivi, u edukattivi li ttellgħu mill-għaqdiet tal-lokal fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin kien ko-parteċipi f'ħafna minn dawn l-attivitajiet. Qed nirriferi għal Klabb Sajf Parroċċa, L-Iklin Scout Group, u Lija/Iklin Football Youth Nursery.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin daħal fl-iskema ta' Lifelong Learning fejn f'Ottubru li għadda beda kors bażiku fl-Ingliż li qed isir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għar-residenti tal-Iklin.

## ATTIVITAJIET

### Attività Kulturali li tagħti identità lil dan il-lokal

L-akbar avveniment tas-sena 2014 fil-lokalità tal-Iklin kienet it-tieni edizzjoni Festa tal-Fjuri - *Let nature be your inspiration and colour your world* li ttellgħet il-Ħadd 27 ta' April fi Triq Ġeronimo Abos fejn il-Kunsill abbelixxa t-triq b'siġar indiġeni tul it-triq kollha u *planters* bil-fjuri li taw dehra differenti mill-kumplament tas-sena fejn kulħadd huwa konxju mit-traffiku li jaċċessa minn din it-triq.

Il-Kunsill Lokali, għal sena oħra ta prominenza x-xitla tal-klin li tagħti identità lil dan il-lokal. Il-ġurnata kienet animata b'mużika allegra biex tagħti l-ħajja lil dan l-avveniment. Ġew ippreżentati *talks* minn speakers kompetenti fil-qasam tal-ortikoltura b'ringrazzjament speċjali jmur lejn il-parteċipanti li jirrisiedu fl-Iklin. Karatteristika oħra ħelwa waqt din it-tieni edizzjoni kienet proprju s-sezzjoni 'Kitchen Garden' fejn kien hemm xorb u ikel li jsir mill-petali tad-diversi pjanti nkluż 'il-klin'. Sintendi fejn jidħol l-ikel u x-xorb, però b'differenza għaliex ġew ippreżentati riċetti bil-klin, din is-sezzjoni ġibdet l-attenzjoni tal-pubbliku li ġie u pparteċipa għal dan l-avveniment. Ma nistax ma nsemmix l-għajnuna ta' Island Caterers li laqgħet l-istedina tal-Kunsill Lokali L-Iklin u pparteċipat f'din l-edizzjoni b'ikel partikolari li kienet tinkludi l-klin (rosemary recipe).

Ġurnata aninmata u kkulurita bl-attivitajiet li taw il-ħajja lill-attività bl-għajnuna tal-voluntiera u sintendi l-Għaqdiet tal-lokal li għenu fl-organizazzjoni ta' din l-edizzjoni. Naturalment kien hemm *stakeholders* oħra li xtaqt nikkreditahom għaliex kienu parti mill-organizazzjoni. L-Environmental Landscapes Consortium Ltd, Nature Trust Malta, id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard, Bonsai Culture Group Malta, u Waste Serv Malta Ltd. Fit-tieni parti ta' din l-attività, ġiet organizzata varjetà għal gosti ta' kulħadd fejn il-Kunsill ipprova jilħaq *spectrum* differenti ta' udjenza fejn ġiet imtella' rokna għall-folk tradizzjonali, żeffiena u kantanti li ferrħu lill-pubbliku preżenti bir-repertorju tagħhom. Is-sodisfazzjon tal-Kunsill wara din l-attività kienet proprju l-parteċipazzjoni tar-residenti li jirrisiedu fi Triq Ġeronimo Abos li wrew sens ta' appartenenza billi żejnu t-twieqi, l-galleriji u l-parapetti tagħhom bi xtieli u fjuri friski għal din l-okkażjoni. F'isem il-Kunsill Lokali L-Iklin, ngħidilkom grazzi tal-kollaborazzjoni sħiħa tagħkom ir-residenti.

Attivitajiet oħra ta' matul is-sena ġew irreġsitrati f'dan ir-rapport:

- Fis-16 ta' Jannar, saret il-Laqgħa annwali tal-lokalità.
- Fis-6 ta' Marzu, kienet organizzata Jum il-Mara.
- Fis-27 ta' April ġiet organizzata it-tieni edizzjoni 'Festa tal-Fjuri';

- L-Erbgħa 30 ta' Lulju saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery. Il-Kunsill Lokali L-Iklin innomina lis-sinjuri Joe Vella, Joe Buttigieg, u lil Joe Cremona biex iservu fil-Kumitat għas-sena 2014/2015 għan-nom tal-Kunsill Lokali L-Iklin. Kien hemm qbil unanimu li s-Sur Matthew Borg jiġi nnominat bħala membru f'dan il-Kumitat mingħajr id-dritt tal-vot.
- Fl-1 ta' Awwissu ġiet organizzata attività kulturali għal Għawdex;
- Fl-10 ta' Novembru saret it-tilqima tal-Influwenza;
- Fit-22 ta' Novembru saret Quddiesa ta' radd il-Ħajr fil-Parroċċa Familja Mqaddsa tas-servizz li ta s-Sur Anthony Delia matul is-snin mall-Kunsill Lokali L-Iklin;
- Tifkira ta' apprezzament lill-Kunsillieri li servew fis-sitt leġiżlatura s-Sinjuri Nazzareno Cauchi, Margaret Zammit, Carmel Caruana, u Joseph Camilleri;
- Fit-21 ta' Diċembru ġiet organizzata'Ġej il-Father Christmas';
- Fit-22 ta' Diċembru saret l-Purċissjoni tradizzjonali bis-sehem ta' Jackson Pipe Band u *re-enactment* tat-tifkira tat-twelid ta' Ġesù Bambin;
- Fit-27 ta' Diċembru ittella kunċert mill-Kor *Collegium Musicum*;
- Fid-29 ta' Diċembru ġie organizzat Party tal-Milied għat-tfal tal-Iklin;

Matul is-sena 2014, iltaqgħu il-Kumitati mmexxija mis-Sindku Anthony Dalli, l-Viċi Sindku Anthony Borg, u l-Kunsillieri Carmel Attard, Martin Fenech, u Yvonne Bartolo. Dawn il-laqgħat saru fix-xahar ta' Jannar fejn kull membru tal-Kunsill laqqa' lill-membri tiegħu, kull Kumitat skont id-dekasteri tiegħu.

Bejn ix-xhur ta' Lulju u Novembru 2014, il-Kumitat tal-Ambjent taħt ir-responsabbiltà tal-Viċi Sindku Anthony Borg organizza erba' taħdidiet ġewwa s-Sala tal-Kunsill. Fis-16 ta' Settembru saret taħdita mill-Prof. Paul Pace dwar l-Ambjent. Fis-7 ta' Ottubru saret taħdita nteressanti minn Dr. Antoine Vella dwar l-Agrikoltura f'Malta. Fil-11 ta' Novembru saret taħdita nteressanti minn Sam Cremona dwar it-tkabbir taż-żebbuġ u l-benefiċċji u l-użu taż-żejt taż-żebbuġa.

Nhar it-12 ta' Novembru, il-Kumitat tal-Familja u l-Aġenziji Pubbliċi taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsillier Yvonne Bartolo saret taħdita nteressanti mis-Sinjura Sylvia Camilleri (Practice Nurse) minn *National Health Screening Programme* dwar l-iscreening għall-kanċer tas-sider u tal-musrana(Breast and Colorectal screening services) ġewwa s-Sala tal-Kunsill Lokali L-Iklin fi Triq Lewis F. Mizzi.

**AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Fis-seduta nru. 53 ta' nhar il-11 ta' Awwissu 2014, il-Kunsill ħatar lis-Sur Giuseppe Attard bħala t-tieni Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ fl-Iklin. Din id-deċiżjoni ittieħdet b'mod unanima wara li l-Kunsill Lokali L-Iklin kien irċieva proposta waħda biex timtela din il-pożizzjoni.

**National Flood Relief Project**

Lejn l-aħħar kwart tas-sena 2014, inbeda l-ewwel fażi tal-proġett biex tittaffa il-problema tal-għargħar fi Triq in-Naxxar għal Triq Dun Karm. Il-Kunsill Lokali L-Iklin huwa favur dan il-proġett għaliex ir-residenti tal-Iklin ser jibbenifika b'mod dirett minn dan il-proġett. Għalkemm il-Kunsill Lokali ma kienx ikkonsultat kif kien mistenni biex ikun assigurat li r-residenti u s-sidien tal-ħwienet tan-negozju ma jiġux impattati

b'mod negattiv minħabba l-imsemmija xogħlijiet, nista ngħid li l-Kunsill Lokali kien *hands-on* matul dan il-perjodu fejn is-Sindku b'mod speċjali u l-Kunsillieri sħabu kienu f'kuntatt dirett mar-residenti u mas-sidien tal-ħwienet tan-negozju biex jisimgħu l-ilmenti u s-suġġerimenti bl-iskop li l-Kunsill Lokali jiddefendi l-interessi tar-residenti biex l-inkonvenjenzi ikunu minimi. Nikkonferma li s-Sindku Anthony Dalli kien jattendi għal-laqgħat li kien isejjaħ l-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar il-proġett l-aktar fejn kien jitratta tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku bil-ħsieb li l-Kunsill jagħmel il-każ tiegħu, ikun infurmat b'kull żvilupp biex ir-resident jingħata informazzjoni preċiża.

**ĠEST NOBBLI MILL-KUNSILL LOKALI L-IKLIN**

Is-Sindku Anthony Dalli kien attenda għal-laqgħa fuq stedina tal-E.T. President ta' Malta Mary Louise Coleiro Preca biex issir kampanja għal skop nobbli biex il-Kunsilli Lokali jgħinu lil Community Chest Fund. Huwa ta' sodisfazzjon kbir ninfurmakhom li fuq l-inizjattiva tas-Sindku Anthony Dalli u l-Kunsillieri sħabu, irnexxilhom jgħaddu s-somma sabiħa ta' Eur2,110 mill-bejgħ tal-ktieb 'Tisjir mill-Qalb'. Inizjattivi ta' din ix-xorta li għandhom skop karitattiv ta' min ifaħħru u jinkoraġġih.

**GĦELUQ**

Wasalt biex nikkonkludi dan ir-rapport dwar il-ħidma amministrattiva u l-operat tal-Kunsill għas-sena 2014. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri tal-koperazzjoni u l-impenn tagħhom lejn il-Kunsill u r-residenti tal-lokal. Ma' dan inżid l-apprezzament tiegħi lejn l-istaff tal-Kunsill li huwa għodda essenzjali biex iċ-ċittadin jieħu l-aqwa servizz u sabiex nassiguraw li l-amministrazzjoni pubblika tkun korretta, responsabbli u trasparenti.

____________________________

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

13.02.2015